

ID-DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/2167

tas-17 ta' Diċembru 2020

li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1918 rigward ċerti miżuri ta' salvagwardja b'konnessjoni mal-marda tat-tnewwin kroniku billi jiġi estiż il-perjodu tal-applikazzjoni tagħha

(notifikata bid-dokument C(2020) 8802)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 999/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2001 li jstabbilixxi regoli għall-prevenzjoni, kontroll u eradikazzjoni ta' ċertu enċefalopatija sponġiformi li tinxtered⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 4(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (KE) Nru 999/2001 jstabilixxi r-regoli għall-prevenzjoni, għall-kontroll u għall-eradikazzjoni tal-enċefalopatiji sponġiformi li jinxterdu (transmissible spongiform encephalopathies, TSEs) fl-Unjoni. Dan japplika għall-produzzjoni u għall-kummerċjalizzazzjoni tal-animalli ħajjin u tal-prodotti li joriġinaw mill-animalli u, f'ċerti każijiet speċifiċi, għall-esportazzjonijiet tagħhom. Jipprovdwi wkoll, *inter alia*, għall-adozzjoni ta' miżuri ta' salvagwardja fil-każ ta' tifqigħat ta' TSEs.
- (2) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1918⁽²⁾ tistabilixxi miżuri ta' salvagwardja temporanji b'konnessjoni mal-marda tat-tnewwin kroniku (chronic wasting disease, CWD). Din ġiet adottata wara d-detezzjoni fl-2016 ta' ħames każijiet tas-CWD fiċ-ċervidi fin-Norveġja: erbgħa fir-renni u tnejn fil-moose. Dik kienet l-ewwel detezzjoni tas-CWD fl-Ewropa u l-ewwel każijiet naturali fir-renna fid-dinja.
- (3) Bejn Jannar 2017 u Settembru 2020, in-Norveġja infurmat lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri dwar sittax-il każ addizzjonali tas-CWD fir-renni selvaġġi, ħames każijiet addizzjonali tas-CWD fil-moose selvaġġ, u każ wieħed tas-CWD f'ċerv aħmar. Fl-2018, il-Finlandja kellha d-detezzjoni tal-ewwel każ tas-CWD fl-Unjoni u każ ieħor f'Novembru 2020. L-Iżvezja sabet tliet każijiet fl-2019 u każ ieħor f'Settembru 2020. Il-każijiet kollha tas-CWD identifikati fil-Finlandja u fl-Iżvezja nstabu f'moose selvaġġ.
- (4) Il-punt A tal-Parti III tal-Kapitolu A tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 999/2001 jipprevedi programm ta' monitoraġġ ta' tliet snin għas-CWD, li jkopri perjodu mill-1 ta' Jannar 2018 sal-31 ta' Diċembru 2020. Madankollu, il-ġbir tad-*data* se jkompli parzjalment matul l-2021 f'konformità mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-programm ta' monitoraġġ, bil-ħsieb li, eventwalment, jinġabar *dataset* akbar. B'riżultat ta' dan, il-valutazzjoni xjentifika tar-riżultati tal-programm ta' monitoraġġ, li se tkun meħtieġa biex jiġu żviluppati għażliet ta' politika futuri dwar is-CWD, mhijiex mistennija li tkun disponibbli sal-2022.
- (5) Fil-11 ta' Novembru 2019, l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ippubblikat Opinjoni Xjentifika dwar l-Aġġornament tal-Mard Kroniku tal-Iskart (CWD) III⁽³⁾ (Opinjoni tal-EFSA). Madankollu, jeħtieġ aktar żmien biex wieħed iqis kif il-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet stabbiliti fl-Opinjoni tal-EFSA għandhom jiġu riflessi fir-regoli tal-Unjoni.
- (6) Meta jitqies li d-detezzjoni ta' każijiet ġodda tas-CWD fin-Norveġja, fil-Finlandja u fl-Iżvezja, u sakemm joħroġ ir-riżultat tal-programm ta' monitoraġġ ta' tliet snin għas-CWD, u sakemm issir il-valutazzjoni xjentifika tar-riżultati tal-programm ta' monitoraġġ li hija mistennija fl-2022, u meta jitqies li hemm bżonn ta' żmien addizzjonali għar-riflessjoni dwar l-opinjoni tal-EFSA, jenħtieġ li l-perjodu ta' applikazzjoni tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1918 jiġi estiż sal-31 ta' Diċembru 2022.
- (7) Għalhekk jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1918 tiġi emendata skont dan.

⁽¹⁾ ĠU L 147, 31.5.2001, p. 1.

⁽²⁾ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1918 tat-28 ta' Ottubru 2016 rigward ċerti miżuri ta' salvagwardja b'konnessjoni mal-marda tat-tnewwin kroniku (ĠU L 296, 1.11.2016, p. 21).

⁽³⁾ <https://doi.org/10.2903/j.efsa.2019.5863>

- (8) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Animali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Fl-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1918, id-data tal-"31 ta' Diċembru 2020" hija sostitwita bid-data "31 ta' Diċembru 2022".

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Diċembru 2020.

Għall-Kummissjoni
Stella KYRIAKIDES
Membri tal-Kummissjoni
